# Mro. John J. Pace
## Għoxrin Sena Surmast Direttur tal-Banda Żejtun
## 1984 - 2004





L-ewwel prova tal-Banda Żejtun f'Ottubru 1984

Kien fl-aħħar tas-sajf ta' l-1984, proprju 20 sena ilu li l-Għaqda Banda Żejtun ħatret lil John J. Pace bħala surmast direttur tal-Banda Żejtun. Kienu għoxrin sena ta' attività mużikali ma taqta' xejn b'riżq il-Banda Żejtun. F'qasir żmien sar wieħed minna u kkommetta ruħu mal-Banda Żejtun.

Mro. John J. Pace kompla u kabbar dak li ħallew ta' qablu. Mal-Banda Żejtun John J. Pace kellu sfidi qawwija. Il-kumitat u l-Għaqda kienu mimlija entużjażmu biex ikomplu jkabbru l-wirt u t-tradizzjoni tal-każin u tal-banda. Taħt it-tmexxija tal-President Joe Attard kien tħejja programm ambizzjuż li kien jirrikjedi impenn qawwi minn kulħadd, mhux lanqas mis-surmast direttur ġdid. Għal John J. Pace dan l-appuntament ġdid kien ifisser li kellu jagħti prova tal-ħila tiegħu bħala surmast direttur. Ma kienx hemm triq oħra. Jew jirnexxi jew ifalli!

Il-kumitat kien ħejja l-inawgurazzjoni tal-planċier artistiku għal Ġunju 1985. Barra minn hekk kien hemm imħejjija aktar impenji iebsa iżda prestiġjużi għall-Banda Żejtun. John J. Pace laqa' dawn l-isfidi b'entużjażmu u huwa stess kompla kabbar l-ambizzjonijiet tal-president u l-kumitat. Kull programm tal-Banda Żejtun taħt id-direzzjoni ta' Mro. John J. Pace mhux biss kien suċċess iżda bosta baqgħu msemmija b'ħerqa minkejja li għadda ż-żmien. L-inawgurazzjoni tal-planċier artistiku kienet suċċess personali għal Mro. John J. Pace. Il-Banda Żejtun taħt id-direzzjoni tiegħu esegwiet kunċert vokali u strumentali mill-aqwa. Dan baqa' jsir kull sena fil-programm ta' lejlet il-festa ta' Santa Katarina, meta għal sena wara l-oħra s-surmast direttur ħejja kunċerti li kienu impenn għall-banda kif ukoll għall-korijiet u l-aqwa solisti.



Kunċert memorabbli, Novembru 1985

Nonqsu jekk ma nsemmux xi programmi ċelebri li l-Banda Żejtun esegwiet taħt id-direzzjoni ta' Mro. John J. Pace. Programm aqwa minn ieħor, bħalma kien dak esegwit fil-knisja arċipretali f'Novembru 1985, ir-rebħ tal-Konkors Nazzjonali fit-Teatru Manoel fl-1986, il-programm vokali u strumentali tal-55 sena mit-twaqqif ta' l-Għaqda f'Ġunju 1988, il-kunċert tat-tifkira taż-Żejtun bħala 200 sena Belt Bylandt li sar f'Novembru 1989 fit-Teatru Pandora, u l-aħħar wieħed li wkoll sar fit-Teatru Pandora għas-sebgħin anniversarju ta' l-Għaqda tagħna.



L-ewwel fil-Konkors Nazzjonali, Novembru 1986

Mro. John J. Pace kkompona bosta għażliet mużikali ta' livell għoli għall-Banda Żejtun kif ukoll marċi, kemm festivi, funebri u ballabli li saru popolari f'Malta u Għawdex.

Prosit u grazzi għall-għoxrin sena servizz leali mill-President, Kumitat, Bandisti, Soċi u Partitarji. Nawgurawlek aktar suċċess u ħidma b'riżq il-Banda Żejtun.



Preżentazzjoni tal-kompożizzjoni "25 sena President" lill-President Joe Attard, Novembru 2003